

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li ma ġġeddidx il-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2015;
- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tal-15 ta' Settembru 2015 kontra d-deċiżjoni ċċitata hawn fuq;
- jikkumpensa d-dannu materjali subit b'dan il-mod, evalwat b'mod provviżorju *ex aequo et bono* għal EUR 119 767;
- jaġhti lir-rikorrent kumpens għad-danni għal ammont ta' EUR 30 000 għad-dannu morali subit;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-23/16)**

(2016/C 251/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Il-kumpens lir-rikorrent għad-danni materjali li huwa allegatament ġarrab minħabba fl-allegat dewmien fl-organizzazzjoni tal-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għall-2013.

Talbiet

- tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa kompletament id-dannu mġarrab mir-rikorrent minħabba fl-osservat dewmien fl-organizzazzjoni tal-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għall-2013;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2016 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-24/16)**

(2016/C 251/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: F. Moyse, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba intiża sabiex tikseb mill-konvenuta r-reviżjoni tal-kalkolu tad-drittijiet finanzjarji tar-rikorrenti wara r-riżenja tagħha mill-Kummissjoni fl-2000.